

**Mistoqsija għal tweġiba orali O-000064/2020**

**lill-Kummissjoni**

Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

**Kati Piri, Tanja Fajon, Tonino Picula, Andreas Schieder**

f'isem il-Grupp S&D

Suġġett: Interferenza Ungeriża fil-midja fis-Slovenja u fil-Maċedonja ta' Fuq

Il-portal tal-Internet Sloven Necenzurirano reċentement ippubblika dettalji ta' operazzjoni ta' intelligence politika, li tikkonferma l-allegazzjonijiet li saru fir-rapport mill-istazzjon tat-televiżjoni tal-Maċedonja ta' Fuq, TV Nova, ippubblikat fit-8 ta' Mejju 2018 intitolat "Orban f'azzjoni biex jiġu salvati l-loudspeakers ta' Gruevski". Il-mexxejja Ungeriżi, bl-użu ta' banek u assistenti Sloveni, organizzaw operazzjoni internazzjonali biex jiġbru intelligence politika u appoġġ għall-organizzazzjonijiet tal-midja li għandhom konnessjonijiet mal-partit tal-oppożizzjoni tal-Maċedonja ta' Fuq VMRO-DPMNE. L-għan ta' din l-operazzjoni huwa li jitwaqqa' l-gvern tal-Prim Ministru Zaev fl-elezzjonijiet tat-12 ta' April 2020 u li jintemm il-Ftehim ta' Prespa. Is-sidien ta' diversi organizzazzjonijiet tal-midja Ungeriżi qrib il-Partit Demokratiku Sloven (SDS) ta' Janez Janša, li huma ffinanzjati minn kumpaniji qrib il-Prim Ministru Orban, kellhom rwol ewlieni. Necenzurirano rċieva data u informazzjoni li jagħtu prova li, minn Awwissu 2018, mill-inqas tliet kumpaniji b'rabtiet mill-qrib ma' Fidesz ġabru EUR 4 miljun f'wieħed mill-istadji tal-operazzjonijiet tagħhom, li minnhom EUR 1,5 miljun baqgħu fis-Slovenja u EUR 2,5 miljuni ġew ittrasferiti lejn il-Maċedonja ta' Fuq. L-Assoċjazzjoni tal-Ġurnalisti Sloveni sabet li t-tentattivi biex jiġi skreditat il-Gvern tal-Maċedonja ta' Fuq kif ukoll l-intensità tal-attakki tant żdiedu li saru theddida għal-libertà tal-midja u għad-demokrazija.

1. Il-Kummissjoni kif tista' tiżgura li l-Istati Membri ma jinterferixxux fil-proċessi demokratiċi ta' pajjiżi kandidati u Stati Membri oħra u kif tista' tipprevjeni interferenzi simili fil-futur?
2. Il-Kummissjoni talbet jew se titlob lid-Delegazzjoni tal-UE fi Skopje/ir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni f'Ljubljana biex tinvestiga l-kwistjoni u r-riżultati se jsiru pubbliċi?
3. Il-Kummissjoni se tiegħu l-passi xierqa biex tobbliga lil Google, lil Facebook u lil ġganti oħrajn tat-teknoloġija biex jindikaw l-entità ġuridika li ħallset għall-kontenut u għar-reklamar u li hija responsabbli għat-tixrid ta' aħbarijiet foloz (kif għamlet b'reazzjoni għall-każ ta' Cambridge Analytica)?
4. Il-Kummissjoni se tistaqsi lill-Gvern Ungeriż jekk interferixxiex fil-proċessi demokratiċi ta' pajjiż kandidat u ta' Stat Membru?
5. X'inhil-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-impatt li dawn l-avvenimenti kellhom fuq il-libertà tal-midja fil-Maċedonja ta' Fuq u fis-Slovenja?

Imressqa: 06/10/2020

Skadenza: 07/01/2021